MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 112/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**GIUDA TADDEO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giuda Taddeo maghruf bhala Teddy Xuereb, bin Teodorika Xuereb, mwieled Pieta, nhar l- 20 ta’ April 1957, residenti fil- fond numru 6, Block 2, Triq l- Arcisqof Mattei, Isla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 325157(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli:

1) nhar l- 24 ta’ Jannar 2009 ghall- habta ta’ 07.45hrs, gewwa Triq ix- Xghajra, Zabbar hebb ghal Simon Castaldi detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 452168(M) u kkagunalu griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifika Dr. J Basic mill- Isptar Mater Dei u Dr. R. Gauci mic- Centru tas- Sahha Rahal Gdid;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9;

**Ikkunsidrat:**

Irrisulta mill-provi prodotti li dak inhar tal-incident, l-imputat kien qed isuq trakk tal-linja u Simon Castaldi kien qed isuq vettura ohra tat-tip “pick up”. L-imputat kwazi habat f’

Castaldi, u dan ta’ l-ahhar hareg ghalih u qabdu jaghtu t-tnejn li huma. Gara izda li l-imputat aggredixxa lil Castaldi b’ “fire extinguisher” u kkawzalu offizi gravi per natura f’rasu, u ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri. Minkejja l-gravita’ tal-kaz, meta deher il-Qorti assistit bhala parte civile, Simon Castaldi stqarr li hu m’ghandu ebda pretensjoni kontra l-imputat, u ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, li zgur jimmerita piena ta’ prigunerija, din ser tigi sospiza ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta. Tapplika l- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal sena, favur il-konjugi Castaldi.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------